**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 27/2015**

**Renald Attard**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Renald Attard** ipprezentat fl-4 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti kien applika u segwa il-kors ta' licenzjar tal-gwardjani privati organizzat mill-Fondazzjoni Reggie Miller b'success;*

*Illi kif titlob il-ligi wara li segwa il-kors b'success huwa applika ghall-licenzja ta' gwardjan privat liema licenzja trid tinhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija;*

*Illi l-applikazzjoni tal-esponenti ghal-licenzja ta' gwardjan privat giet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija a bazi tal-artiklu10(a)(i) u 10(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-interess pubbliku minhabba xi sentenzi li kellu fil-passat.*

*Illi l-esponenti gie nfurmat b'dan ir-rifjut permezz ta' ittra datata 17 ta' April 2015 mill-Ispettur Anzjan Ramon Mercieca f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija (Dok A).*

*Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk huwa qieghed jinterponi dan l-appell;*

*Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;*

*Illi l-esponenti ma jaqbilx ma' tali decizjoni ghax hija decizjoni harxa meta wiehed iqis x'kienu l-izbalji tieghu u li taghhom kien instab hati. Illum huwa persuna matura u bil-ghaqal u llum ghandu kondotta nadifa (DOK B);*

*Illi l-esponenti ma' jaqbilx ma' tali decizjoni anki minhabba l-fatt illi ir-rifjut huwa bbazat fuq l-artiklu 10(a)(i) illi jitratta fuq delitti serji bhal dawk kontra is-sigurta tal-istat, jew omicidju volontarju, offiza gravi fuq il-persuna, jew offiza gravi fuq il-proprjeta liema hsara teccedi l-€2329.37, jew delitti gravi ohra illi minn dawn l-offizi l-esponenti qatt ma' wettaq;*

*Illi meta l-esponenti kellu madwar ghoxrin sena huwa kien instab hati li kellu pussess ta' droga ghall-uzu personali tieghu . Dan kien iktar minn ghaxar snin ilu. Filwaqt li jammetti li zbalja huwa jichad li qatt kellu problema ta' droga imma kien biss stadju ta' bluha ta' zaghzugh li kien u llum li ghandu kwazi erbgha u tletin sena rabba l-ghaqal u jitlob li jinghata cans iehor;*

*Illi fis-sena 2011, meta l-esponenti kien jahdem mal-Methode Electronics, huwa kien qieghed fuq magna li bdiet tieqaf bil-hsara kontinwament u l-esponenti ma' kienx qieghed ilahhaq mal-production u f'waqt ta'frustrazzjoni ta' daqqa fuq il-monitor tal-magna u b'hekk wettaq hsara li kienet tammonta ghal €1165. Huwa kien tressaq il-Qorti u ammetta li kien ikkaguna il-hsara u talab skuza tal-izball li kien wettaq. Huwa kien hallas dak kollu dovut lill-kumpannija (irevuta annessa u mmarkata bhala DOK C) li minn naha taghha kienet taghtu cans ihallas b'rati mensili u kienet ukoll naqqsitlu l-ammont minn €1165 ghal €900;*

*Illi jidher bic-car illi ghalkemm l-esponenti zbalja u wettaq dawn ir-reati, l-istess reati bl-ebda mod ma' jistghu jitqiesu li huma ir-reati serji kontemplati fl-artiklu 10(a)(1) u fl-artiklu 10(b) kontra l-interess pubbliku u li a bazi taghhom giet rifjutata l-applikazzjoni tal-esponenti;*

*Illi kif jista anki jigi ikkonfermat minn sentenzi ricenti ta' dan l-Onorabbli Tribunal, kien hemm persuni li gew irrifjutati mill-Kummissarju tal-Pulizija peress li fil-passat kienu wettqu reati hafna aktar serji minn dawk li wettaq l-esponenti u xorta inghataw cans iehor minn dan l-Onorabbli Tribunal. Kaz wiehed minn dawn huwa dak ta' Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija (35/2014) deciz fit-13/11/2014, fejn ir-rikorrent kien fost ohrajn fil-passat instab hati ta' serq, ricettazzjoni, vjolenza kontra ufficjal pubbliku, denunzja ta' reat li ma' sehhx u anki b'qerq;*

*Illi l-esponenti jhoss li ghalkemm hu jaf li zbalja fil-passat, kulhadd ghandu jinghata cans u li ma' jibqax ittimbrat ghall-hajtu kollha b'mod li ma jinghatax cans iehor biex juri li hu cittadin denju tas-socjeta';*

*Illi l-esponent qieghed ukoll jannetti ic-certifikat tal-kors ta' licenzjar tal-gwardjani privati organizzat mill-Fondazzjoni Reggie Miller li hu segwa b'success (Dok D) flimkien ma' ittra ta' riferenza minghand id-direttur tal-Course is-Sur Alfred Abela (DOK E).*

*Illi sadanittant l-esponenti qieghed ukoll isegwi kors iehor maghruf bhala CPC ghal xufiera tat-Trasport pubbliku liema kopja tal-applikazzjoni qeghdha tigi annessa bhala DOK F.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan L-Onorabbli Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella ddecizjoni tal-intimat Kumissarju tal-Pulizija hekk kif kontenuta fl'ittra tas-17 ta' April 2015 u konsegwentement jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex johrog lill-esponenti l-licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta tal-**<u>Kummissarju tal-Pulizija</u>** apprezentata fis-27 ta' Mejju 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *ILLI l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors;*

2. *ILLI fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghall-hrug jew tigdid ta' licenzja ta' Gwardjan Privat, partikolarment fil-kuntest ta' Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu l-ebda diskrezzjoni. Jekk wahda jew aktar mic-cirkostanzi stipulati fl-imsemmi artikolu tal-Ligi tissussisti, kif gara fil-kaz in ezami, huwa ghandu jichad it-talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenzja ta' Gwardjan Privat;*

3. *ILLI kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, ir-reat ta' pussess ta' droga, ir-reat li tieghu instab hati u gie ikkundannat ir-Rikorrent, huwa* ***delitt gravi*** *li jaqa appuntu taht l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ser jigi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI l-fatt li r-rikorrent kien minorenni meta wettaq ir-reat huwa irrilevanti stante li l-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghmel assolutament l-ebda kwalifika dwar minorenni jew maggorenni fiz-zmien tat-twettiq tar-reat;*

5. *ILLI importanti jinghad ukoll illi l-fatt li illum ir-rikorrent ghandu kondotta nadifa huwa irrilevanti ghal kaz odjern ghaliex fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghal licenzja ta' Gwardjan Privat, tigi kkunsidrata l-fedina penali ta' l-applikant u mhux ic-certifikat tal-kondotta u dana billi certi reati li ghalihom ikun instab hati l-applikant u l-pieni relattivi ma jibqghux jidhru fuq ic-certifikat tal-kondotta wara certu zmien izda jibqghu jidhru fuq il-fedina penali. L-intenzjoni tal-legislatur kienet illi persuni li jinstabu hatja ta' certa reati partikolari qatt ma jkunu eligibbli biex jottjenu licenzja ta' Gwardjan Privat u ghalhekk wiehed ma jistax jistrieh fuq ic-certifikat tal-kondotta izda fuq il-fedina penali;*

6. *ILLI fejn l-esponent jirrileva li ghalkemm hu jaf li zbalja fil-passat, kulhadd ghandu jinghata cans u li ma jibqax ittimbrat ghall-hajtu kollha, jingħad illi ma jfissirx illi*

*għax ma jistax jingħata liċenzja ta' gwardjan privat ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser* ***biss*** *illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat propju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk s-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponenti. Għalhekk l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom;*

7. *ILLI dak kollu li intqal fir-rikors promotur fir-rigward tal-kors li qed isegwi r-rikorrent bhalissa huwa irrilevanti ghall-kaz odjern u mhux xi rekwizit sabiex wiehed ikun jista jottjeni licenzja ta' gwardjan privat;*

8. *ILLI ir-rifjut sar ukoll ai termini tal-Artikolu 10(b) ta' Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad illi l-esponent ser igib ukoll provi fil-mori tas-smigh ta' dan ir-rikors, li ser juru ezattament ghaliex inhass illi mhux fl-interess pubbliku li tinhareg licenzja lir-rikorrent."*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent. "*

Ra id-dokumenti esebiti;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1] u tas-Supretendent Ramon Mercieca;[2]

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 17 ta' April 2015 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-Artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) fl-interess pubbliku, minhaba li gejt misjub hati ta' sentenzi fil-konfront tieghek."*

[1] Ara traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 29
[2] Ara traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 32 sa 40

Illi artikolu 10 a (i) u (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) jghid is-segwenti:-

*Il-Kummissarju **ghandu jirrifjuta**[3] applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a)meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' **xi delitt gravi ieħor**;*
…

*(b) **meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza**;"*

Illi mill-fedina penali esebita bhala Dok RA a fol. 43 u 44 tal-process jirrizulta illi r-rikorrent kellu s-segwenti sentenzi fil-konfront tieghu u cioe`:-

1. Sentenza tat-13 ta' Gunju 2002 li permezz taghha gie mpoggi taht **ordni ta' *probation* ghal tmintax-il xahar** wara li ammetta illi fit-13 ta' Marzu 2002 u matul is-sitt xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis;
2. Sentenza tal-11 ta' Mejju 2009 li permezz taghha gie **liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar** wara li ammeta illi fit-22 ta' Settembru 2004 u l-granet ta' qabel kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis;
3. Sentenza tas-16 ta' April 2012 li permezz taghha gie **liberat bil-kundizzjoni lima jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar** wara li ammetta li fl-1 ta' Lulju 2011 ikkommetta hsara volontarja ghad-dannu tal-Kumpanija Methode Electronics.

Illi **r-rikorrent** xehed li meta kien ghadu zghir kien zbalja u li hu dispjacut ghal dak li ghamel.

**Is-Supretendent Ramon Mercieca** spjega illi d-decizjoni tar-rifjut ittiehdet abbazi tal-fedina penali tar-rikorrent li minnha jirrizulta illi r-rikorrent kien tpogga taht ordni *probation* u nghata zewg sentenzi ta' liberta kundizzjonata. Jghid li r-reati mwettqa mir-rikorrenti kienu zewg kazi ta' pussess ta' cannabis u iehor ta' hsara volontarja fuq il-post tax-xoghol tieghu. Mistoqsi jekk il-pussess ta' cannabis jistghax jigi paragunat

[3] Enfasi tat-Tribunal

mar-reati msemmija fl-artikolu 10 (a) (i), ix-xhud spejga illi meta tiehu r-reat imwettaq fl-2002 u zzid mieghu dawk tal-2004 u tal-2011 ghalih jammontaw ghal reat gravi. Jghid li kieku kien hemm biss il-kundanna tal-2002 huwa kien johrog il-licenzja. L-istess kien jaghmel kieku kellu biss il-kundanna tal-2009 jew tal-2012 dwar hsara volontarja.

Illi ghalhekk minn harsa lejn il-fedina penali tar-rikorrenti u mill-istess sentenzi esebiti bhala Dok RA2, RA3 u RA4 jirrizulta illi l-istess dejjem gie moghti cans minn dawn il-Qrati biex ikompli b'hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Illi dwar l-incident tal-2011 ir-rikorrent spjega c-cirkostanzi li wassluh jaghmel dak li ghamel u cioe` li kien qed jahdem fuq magna difettuza u li minhabba f'hekk kien qed ikollu diversi problemi fuq ix-xoghol u darba fost l-ohrajn kisser l-istess magna bir-rabja. Illi filwaqt li dan it-Tribunal ma jista' qatt jaqbel jew jissanzjona tali agir, bhall-Qorti li tat is-sentenza fil-kamp penali, jifhem ic-cirkostanzi li wasslu ghal tali agir pero` bl-ebda mod ma jiggustifika tali ghemil.

Illi issa fil-kaz odjern, il-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni ghal-licenzja de quo fl-ewwel lok abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u precizament ghaliex meta ghaqqad flimkien ir-reati mwettqa mir-rikorrent huwa kkunsidrahom bhala "reati gravi". Illi kif jirrizulta mic-citazzjoni tal-istess artikolu iktar 'il fuq, jekk l-istess Kummissarju jqis ir-reat imwettaq bhala wiehed gravi allura huwa tassattiv illi huwa jirrifjuta li johrog tali licenzja. Pero`, l-istess Kummissarju ghandu diskrezzjoni dwar liema reati jistghu jigu kklassifikati bhala gravi o meno. Il-fatt li l-frazi "delitt gravi iehor" hija mnizzla fl-istess sub-artikolu fejn jissemmew delitti bhal dawk kontra s-**sigurtà tal-istat, omiċidju volontarju jew offiża gravi fuq il-persuna jew xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika**, juru li dan ir-"**delitt gravi iehor**" irid ikun xi ftit jew wisq tal-istess gravita bhal dawk li ssemmew qablu fl-istess sub-artikolu.

Illi ghalkemm ir-reat ta' pussess ta' raza tal-pjanta tal-cannabis huwa reat ta' certa serjeta` ma jista' bl-ebda mod jigi paragunat mar-reati elenkati fis-subartikolu 10 (a) (i). Tant hu hekk li recentement persuni li jkunu akkuzati b'tali reati qeghdin jigu processati quddiem il-Kummissarju ghall-Gustizzja ghalhiex id-direzzjoni li qieghdha tinghata hi illi tali persuni ghandhom bzonn gwida u ghajnuna iktar milli xi piena karcerarja.

Illi mbaghad jibqa' r-reat ta' hsara volontarja fl-ammont ta' elf, mija u hamsa u sitting ewro (€1165). Jirrizulta illi r-rikorrent hallas dawn id-

danni u dan kif jirrizulta mir-ricevuta annessi mal-appell bhala Dok C a fol. 6 tal-process. Illi ghal darb'ohra dan it-Tribunal ma jistghax iqis il-gravita` ta' dan ir-reat, bic-cirkostanzi kif imfissra iktar 'il fuq, bhala li jista' jipparaguna ruhu mad-delitti gravi elenkati fis-subartikolu 10 (a) (i).

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat meta kklassifika l-istess delitti bhala li jaqghu taht "delitt gravi iehor" meta gie biex jikkunsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent. Iktar minn hekk, anke kieku dan it-Tribunal kellu jikkoncedi li r-reati kommessi mir-rikorrenti jistghu jigu meqjusa bhala "delitti gravi" jirrizulta illi r-rikorrent qatt ma nghata piena karcerarja effettiva jew sospiza u ghalhekk ghall-fini ta' l-artikolu 10 (a) (i) sentenza ta' liberta kundizzjonata u ordni ta' *probation* ma jistghux jigu meqjusa bhala sejbien ta' htija.[4]

Illi dan it-Tribunal kellu diversi okkazjonijiet fejn investa l-kwistjoni jekk Ordni ta' *Probation* jew ordni ta' liberta kundizzjonata tistghax tigi meqjusa bhala sejbien ta' htija meta l-Kummissarju intimat jigi biex jevalwa applikazzjoni ghal licenzja ta' Gwardjan Privat. Dan it-Tribunal, ghal darb'ohra, jerga' jirribadixxi illi ordni ta' *probation* jew ordni ta' liberta` kundizzjonata jew inkundizzjonata ma jistghux jitqiesu bhala dikjarazzjoni ta' htija u dan in linea ma' dak li jipprovdi l-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta (Att Dwar il-*Probation)*. In fatti artikolu 25 (1) tal-istess Att jghid:

***"****Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, ...*"

Artikolu 25 (2) tal-istess Att imbaghad ikompli hekk:

*"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija."*

Illi ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda **l-ordni ta' *probation* u l-ordni ta' liberta' kundizzjonata** imposti permezz tas-sentenzi su citati, dawn ma

[4] Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Carl Grima vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fil-25 ta' Settembru 2012 u **Simon Agius vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-7 ta' Mejju 2014 konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar 2016.

jistghux iservu biex ir-rikorrent jigi mcahhad mill-ghoti tal-licenzja ta' Gwardjan Privat abbazi tal-artikolu 10 (a) (i).

Illi ghalhekk il-Kummissarju intimat kien zbaljat meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sorvolata l-ewwel kwistjoni, it-Tribunal se jezamina issa jekk il-Kummissarju intimat kienx gustifikat li jqis li ma kienx fl-interess pubbliku li johrog il-licenzja *de quo* favur ir-rikorrent u dan a tenur tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jirrizulta illi r-rikorrent wettaq ir-reati msemmija iktar 'il fuq fl-2002, fl-2004 u fl-2011. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent ghamel tajjeb ghall-hsara li kkawza permezz tal-azzjoni tieghu ghar-reat imwettaq fl-2011. Jirrizulta wkoll illi, almenu *prima facie*, ir-rikorrent ma xellifx iktar difru mal-gustizzja mill-2011 'l hawn.

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"…virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*"

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[5] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux

[5] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi hawnhekk tidhol il-kwistjoni tar-ragonevolezza. Maghha necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-awtorita` partikolari biex tasal ghad-decizjoni taghha. B'diskrezzjoni wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[6] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi issa, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja fi tlett okkazjonijiet differenti bejn l-2002 u l-2011. Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jezamina jekk minkejja t-twettiq tar-reati fuq citati, tnejn minnhom, u cioe` dawk ta' pussess ta' *cannabis* fil-bidu tal-ghoxrinijiet tieghu, humiex raguni bizzejjed biex il-Kummissarju intimat irrifjuta l-hrug tal-licenzja *de quo*.

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jgharbel id-deposizzjoni tas-Supretendent Ramon Mercieca fejn stqarr illi kieku r-reati kienu izolati kieku l-licenzja kienet tinhareg imma stante li r-rikorrent wettaq tlett reati, meta hadhom fl-assjem taghhom, huwa hass li kellu jirrifjuta l-hrug ta' tali licenzja

Illi dan it-Tribunal japprezza li l-Kummissarju intimat ghandu bicca xoghol difficli biex iwiezen l-interess pubbliku u d-dritt tal-individwu li jikseb il-licenzja de quo, bhal ma *del resto* ghandu dan it-Tribunal meta jigi biex jirrevedi l-istess decizjoni.

Illi mix-xhieda tar-rikorrent, liema xhieda ma giet kontradetta bl-ebda mod, jirrizulta illi r-reati ta' pussess ta' cannabis wettaqhom meta kienu ghadu zaghzugh u li t-tieni reat ta' hsara volontarja wettqu stante li kellu magna difettuza fuq ix-xoghol u xorta l-*management* kien qed jippretendi li jlahhaq mal-produzzjoni. Jerga' jigi ribadit illi tali agir huwa wiehed censurabbli pero` r-rikorrent jirrizulta li hallas ghal ghemilu. Ghalhekk jidher li r-rikorrent dahal ghar-responsabbilita` ta' ghemilu u wkoll wera li hu dispjacut ghal dak li gara. Illi jirrizulta li l-Kummissarju intimat strah biss fuq dak li rrizulta mill-fedina penali tar-rikorrent ghal dak li jirrigwarda r-reati pero` fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ma tax il-piz debitu lill-kundanni imposti fuq ir-rikorrenti liema kundanni kienu wahda ta' ordni ta' *probation* u tnejn ta' liberta` kundizzjonata. Illi fl-opinjoni ta'

[6] **Masini noe vs Podesta` noe** (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

dan it-Tribunal, il-Kummissarju intimat m'ghandux jieqaf biss f'ezami tar-reati mwettqa imma wkoll irid jikkalibra d-decizjoni tieghu bit-tip ta' sanzjonijiet li l-Qrati jaghtu ghar-reati mwettqa. Is-sanzjonijiet mahruga mill-Qrati ikunu jirriflettu ghadd ta' fatturi, fosthom il-gravita` o meno tac-cirkostanzi tar-reat. Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat bazata fuq artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta hija wkoll wahda mhux gusta.

Finalment jigi rilevat illi dan it-Tribunal ma jistghax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex johrog il-licenzja *de quo* stante li l-poteri tieghu huma biss dawk ta' revizjoni. Tali ghemil huwa setgha li l-ligi taghti biss lill-Kummissarju intimat. Sta issa ghall-istess Kummissarju li fid-dawl ta' din is-sentenza jirrevedi l-istess decizjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni ta' rifjut tal-Kummissarju intimat ghandha tigi revokata fl-intier taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell limitatament fir-rigward tar-rifjut tal-Kummissarju intimat abbazi tal-artikolu 10 (a) (i) u (b) u jichad l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-Kummissarju intimat.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**